# IR-RIZQ TA' JIEM IL-GIMGHA

Il-Fellaħîn tal-Palestina, jiġifieri n-nies tar-rħula u l-bdiewa, jaħsbu li l-aktar jum riżqu tajjeb huwa jum il-Ġimgħa. Għal hekk nhar ta' Ġimgħa jitħamm'mu (jinħaslu ġisimhom kollu), imorru jżuru lil qrabathom, imorru jixtru mill-Imdina (l-Imdina jiġifieri Ġerusalem, kif isibuha n-nies tar-rħula tal-qrib), imorru jduru xi dawra u hekk. It-tiġijiet għandhom isiru nhar ta' Ġimgħa wara nofs inhar, u l-ħtîn (it-taqsîs tal-ġilda tas-subjien żgħar) għandu isir nhar ta' Ġimgħa fil-għodu.

Is-Sibt riżqu ħażin. Nhar ta' Sibt m'għandekx tinħasel, l-aktar bis-sapun. Tagħmel sewwa ħafna jekk anqas biss tħalli sapun ġewwa d-dar, li ma jinħaselx xi ħadd minn tiegħek u jiġrilu xi ħaġa. Ara tqassas difrejk nhar ta' Sibt, għax xi ħsara jiġrilek! Jekk imutlek xi ħadd nhar ta' Sibt, istenna li ftit wara jmutlek xi ħadd ieħor. Nhar ta' Sibt fil-għaxija għandek tmur iżżur il-mejtin, għax dik inhar ftit qabel inżul ix-xemx il-mejtin ioħbub jaraw lil qrabathom.

Il-Ħadd hu jum bla riżq. La għandu riżq tajjeb anqas ħażîn. Fih tista' tagħmel li trid, u ma għandekx tistenna u la ġid anqas deni.

Nhar ta' Tnejn hu nhar riżqu tajjeb, għax nhar ta' Tnejn twieled Muħammed, in-Nebi tal-Misilmin. L-aktar nies tajba fost il-Għarab nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis isumu, għax f'dawn il-jiem is-sawm jiswa għal ġid tar-ruħ aktar milli f'jiem oħra.

Nhar ta' Tlieta riżqu ħażin. Tixtri qatt xejn nhar ta' Tlieta, għax dak li tixtri ma tithenniex bih, għax issib min jgħir għalik u jixtieq jeħodhulek, u jekk ma jseħħlux jeħodhulek tal-anqas, jgħajjinhulek.

Nhar t'Erbgħa hu nhar riżqu ħażin wisq għal morda. Qatt ma għandek iżżur marid nhar ta' Erbgħa, anqas issaqsi kif inhu, għax tkattarlu l-marda li jkollu. Ara li ma tagħdabx għal xi ħadd minn uliedek u tidgħilu xi dagħwa nhar t'Erbgħa, għax dik id-dagħwa tasallu.

Il-Ħamis huwa nhar riżqu tajjeb ukoll, bħal nhar ta' Tnejn xorta waħda. Hemm min jgħid li nhar ta' Ħamis tajjeb ħafna biex tagħmel il-għors tat-tieġ fih. Is-sawm u l-għajnuna lil imsejknin huma milqugħa minn Allâh aktar nhar ta' Ħamis milli f'jiem oħra.

*Abu-Nawwâs*

---

*Ei apethanete syn Khristo apo ton stikheion tou kosmou, ti os zontes en to kosmo dogmasizesthe?* "Jekk intom mejtin ma' Kristu għal ħajriet tad-dinja, għax tqisu bħalli kieku għadkom ħajjin fid-dinja?" (Kol. II, 20). La darba n-Nisrani għandu jqis ruħu mejjet għad-dinja, jiġifieri jagħti hemma jew importanza biss lid-dinja l-oħra, mill-ġid ta' din id-dinja ma għandux irid aktar milli dak li jkun ta' l-akbar ħtieġa.

* * *

*Blepete tous kynas. Blepete tous kakous ergatas!* "Ħarsu ruħkom mill-klieb. Ħarsu ruħkom minn dawk li jagħmlu d-deni!" (Filippin, III, 2). Dawk li jgħamlu l-ħsara lill-għajrhom, San Pawl ixebbaħhom mal-klieb, għax il-klieb huma għajjurin għal xulxin, u minn hu qawwi l-iżjed jgħakkes li min hu dgħajjef.